32000R1100

L 125/3 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 26.5.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1100/2000
tat-22 ta' Mejju 2000
li jimponi dazji definittivi kontra d-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, fil-Federazzjoni Russa u fl-Ukrajna u li jtawwal l-impenn aċċett bid-Deċiżjoni tal-Kummissjni 94/202/KE

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni mill-importazzjonijiet mixtrija taħt il-prezz minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ssottomessa mill-Kummissjoni, wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. L-INVESTIGAZZJONI TA' QABEL

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 821/94 [2], wara rivista ta' l-iskadenza, il-Kunsill impona dazji definittivi kontra d-*dumping* tal-karbur tas-silikon, li jidħol fil-kodiċi tan-NM 2849 20 00, li joriġina fir-Repubblika Poplari taċ-Ċina (minn issa 'l quddiem imsejħa iċ-"Ċina"), mill-Federazzjoni Russa (minn issa 'l quddiem imsejħa r-"Russja") u mill-Ukrajna. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni aċċettat impenn offrut mill-Gvern tar-Russja, b'għaqda mal-*V/O Stankoimport*, ta' Moska, fir-Russja.

B. L-INVESTIGAZZJONI PREŻENTI

(2) Wara l-pubblikazzjoni f'Ottubru 1998 [3] ta' avviż ta' l-iskadenza imminenti tal-miżuri fis-seħħ, il-Kummissjoni rċeviet talba għal rivista ddepożitata mill-Kunsill Ewropew ta' l-Industrija tal-Kimika (*CEFIC*) f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw porzjon maġġuri tal-produzzjoni Komunitarja tal-karbur tas-silikon (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-produtturi applikanti Komunitarji"). It-talba kienet imsejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li kienet tirriżulta fir-rikorrenza tad-*dumping* u ħsara għall-industrija Komunitarja.

(3) Wara li ġie stabbilit, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, illi teżisti xiehda biżżejjed sabiex tinbeda rivista, il-Kummissjoni feħet investigazzjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Bażiku") permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż tal-bidu [4].

(4) L-investigazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kontinwazzjoni u/jew ir-rikorrenza tad-*dumping* kopriet il-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-perjodu taż-żmien ta' l-investigazzjoni" jew il-*IP*). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti sabiex jiġu stmati kull kontinwazzjoni u/jew rikorrenza ta' ħsara (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"perjodu taż-żmien ta' l-investigazzjoni" jew il-"*IIP*") kopra l-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Diċembru 1998.

(5) Il-Kummissjoni tat parir b'mod uffiċjali lill-produtturi applikanti Komunitarji, lill-produtturi esportaturi importaturi fiċ-Ċina, ir-Russja u l-Ukrajna, l-importaturi magħrufa li huma interessati, u lir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi interessati bil-bidu tar-rivista. Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil dawn il-partijiet kollha u lil dawk li għamlu lilhom infushom magħrufa ġewwa l-limitu taż-żmien iffissat fl-avviż dwar il-bidu, kif ukoll lill-produttur esportatur li kkopera fil-pajjiż analogu, il-Brażil. Il-Kummissjoni tat ukoll lill-partijiet interessati l-opportunità li jagħmlu l-veduti tagħhom magħrufa bil-miktub u li jitolbu smigħ.

(6) Il-produtturi applikanti Komunitarji kollha wieġbu l-kwestjonarju, kif ukoll erba' importaturi, żewġ negozjanti assoċjati ma' importatur irrelatat u sitt utenti. B'żieda ma' dan, tliet importaturi oħra għamlu l-veduti tagħhom bil-miktub.

(7) Rigward il-pajjiżi esportaturi interessati, il-kumpanniji li ġejjin ikkoperaw fl-investigazzjoni:

(a) il-produtturi esportaturi:

— iz-*Zaporozhsky Abrasivny Combinat*, ta' Zaporozhye, fl-Ukrajna,

— il-*Volzhsky Abrasive*, ta' Volzhsky, ir-Reġjun ta' Volgograd, fir-Russja;

(b) l-esportatur:

— is-*Stankoimport*, ta' Moska, fir-Russja;

(ċ) l-importatur irrelatat:

— il-*Mineral Abrasive Rohstoff*, ta' Kuppenheim, fil-Ġermanja;

(d) il-produttur fil-pajjiż analogu:

— il-*Casil S/A Carbureto de Silício*, ta' São Paulo, fil-Brażil

(8) L-ebda produttur esportatur lokat fiċ-Ċina ma kkopera fl-investigazzjoni.

---

[1] ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, tat-30.4.1998, p. 18).

[2] ĠU L 94, tat-13.4.1994, p. 21. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1786/97 (ĠU L 254, tas-17.9.1997, p. 6).

[3] ĠU C 316, ta' l-14.10.1998, p. 4.

[4] ĠU C 99, tal-10.4.1999, p. 18.

(9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li dehrilha meħtieġ bil-għan li tistabbilixxi l-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-*dumping* u ta' ħsara u l-interess Komunitarju. Twettqu viżti ta' verifika fil-fondi tal-kumpanniji li ġejjin:

(a) il-produtturi applikanti Komunitarji;

— l-*Elektroschmelzwerk Kempten GmbH*, ta' Munchen, fil-Ġermanja

— in- *Navarro SA*, ta' Madrid, fi Spanja;

(b) l-importaturi mhux irrelatati fil-Komunità:

— l-*Intermat SA*, ta' Hody, fil-Belġju,

— l-*Imexco Ullrich GmbH*, ta' Saarbrücken, fil-Ġermanja

(ċ) in-negozjanti assoċjati ma' importatur irrelatat:

— il-*Mineralien-Werke GmbH Kuppenheim*, ta' Kuppenheim, fil-Ġermanja,

— il-*Mineralien-Werke Duisberg GmbH*, ta' Duisberg, fil-Ġermanja,

(d) l-utenti fil-Komunità:

— il-*Carborundum Schleifmittelwerke GmbH*, ta' Düsseldorf, fil-Ġermanja,

— is-*Sebald & Co. GmbH*, ta' Marktredwitz, fil-Ġermanja,

— il-*Werner Kessl Giessereibedarf*, ta' Trabitz, fil-Ġermanja.

Ċ. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT BĦALU

(10) Il-prodott ikkonċernat b'dan il-proċediment huwa l-karbur tas-silikon, li jidħol fil-kodiċi tan-NM 2849 20 00 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "karbur tas-silikon" jew "il-prodott interessat"

(11) Il-proċess tal-produzzjoni tal-karbur tas-silikon huwa hekk illi r-riżultat tal-produzzjoni jikkomprendi b'mod awtomatiku varjetà ta' kwalitajiet tal-karbur tas-silikon li jistgħu jiġu aggregati f'żewġ gradi ewliena: kristallin u metallurġiku. Il-grad kristallin, li huwa kklassifikat iktar skond it-tipi iswed u aħdar, normalment jintuża fil-fabbrikazzjoni tal-għodod abrażivi, ir-roti tat-ħin, il-prodotti refrattorji ta' kwalità għolja, iċ-ċeramika, il-materjali tal-plastik, eċċ., filwaqt li l-livell metallurġiku huwa normalment użat fil-ħidmiet tal-funderiji u l-kalkari tal-funderiji bħala trasportatur tas-silikon. Bħal fl-investigazzjoni ta' qabel, iż-żewġ gradi għandhom jiġu kkunsidrati li jiffurmaw prodott wieħed għall-għan ta' din l-investigazzjoni.

(12) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk il-blokki nnitrifikati tal-karbur tas-silikon għandhomx jiġu kkunsidrati li jidħlu fid-deskrizzjoni tal-prodott kif deskritt fil-qosor hawn fuq. Instab illi, saħansitra jekk il-blokki nnitirifikati tal-karbur tas-silikon jintgħamlu mill-karbur tas-silikon, il-karbur tas-silikon jgħaddi minn proċess speċifikat addizzjonali tal-produzzjoni li jagħti lill-blokki karatteristiċi fiżiċi u kimiċi differenti meta mqabbla mal-karbur tas-silikon. Fuq dan il-bażi ġie konkluż illi ma jidħlux fid-definizzjoni tal-prodott kif deskritt fil-qosor hawn fuq. Din il-konklużjoni hija appoġġjata mill-fatt illi l-blokki nnitrifikati tal-karbur tas-silikon jiġu importati taħt intestatura separata tad-dwana, jiġifieri l-kodiċi tan-NM 6902 90 00.

(13) Bħalma wriet l-investigazzjoni ta' qabel, il-prodott magħmul u mibjugħ mill-produtturi applikanti Komunitarji fis-suq Komunitarju jixbah fir-rigwardi kollha lill-karbur tas-silikon importat mit-tliet pajjiżi interessati kif ukoll lill-prodott mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jiġifieri l-Brażil. Għalhekk, dawn il-prodotti kollha għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodott bħalu fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Bażiku.

D. IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI U/JEW RIKORRENZA TAD-*DUMPING*

(a) Rimarki preliminari

(14) Skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku, il-għan ta' dan it-tip ta' rivista rigward l-aspetti tad-*dumping* huwa li jistabbilixxi jekk l-iskadenza tal-miżuri twassalx jew le għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-*dumping* ta' ħsara.

(15) Meta jiġi eżaminat jekk teżistix il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-*dumping* jekk jitneħħew il-miżuri, huwa meħtieġ li jiġi vverifikat jekk jeżistix id-*dumping* fil-preżent jew jekk kull *dumping* minn dan hux propabbli li jissokta. F'dan ir-rigward għandu jiġi nnotat illi t-tliet pajjiżi esportaturi ssoktaw jesportaw lejn il-Komunità matul il-*IP*. Il-livell ta' l-importazzjonijiet mir-Russja, li kien kemmxejn taħt il-livell ta' l-investigazzjoni ta' qabel, kien ikkunsidrat biżżejjed għal stampa ta' min joqgħod fuqha u rappreżentattiva li trid tinkiseb għall-*IP* u għall-pronjosi dwar jekk dawn is-sejbiet kenux x'aktarx li japplikaw għall-ġejjieni ("it-test tal-kontinwazzjoni"). Għaċ-Ċina u l-Ukrajna, li l-volum ta' l-importazzjonijiet tagħhom kien relattivament baxx, is-sejbiet dwar id-*dumping* għall-*IP* kienu ssuplimentati b'eżami dwar jekk it-tneħħija tal-miżuri kienitx probabbilment twassal għal rikorrenza tad-*dumping* ("it-test tar-rikorrenza").

(b) Il-pajjiż analogu

(16) Ġaladarba t-tliet pajjiżi interessati huma kkunsidrati bħala pajjiżi ta' ekonomija mhux tas-suq, il-valur normali kellu jiġi sabbilit skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku, jiġifieri bbażat fuq it-tagħrif miksub f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq fejn il-prodott kien magħmul u mibjugħ.

(17) Wara eżami tas-suq tal-karbur tas-silikon mad-dinja kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet illi l-Brażil kien il-għażla approprjata tal-pajjiż analogu għar-raġunijiet li ġejjin:

— id-daqs tas-suq domesiku tiegħu jagħmel lill-Brażil pajjiż rappreżentattiv sabiex jiġi stabbilit il-valur normali għall-pajjiżi interessati,

— il-prezzijiet domestiċi fil-pajjiż huma rregolati mill-forzi normali tas-suq mogħti l-livell tad-domanda fis-suq u l-eżistenza ta' produtturi kompetituri,

— f'termini tal-firxa tal-kwalitajiet tal-karbur tas-silikon u tal-karatteristiċi bażiċi fiżiki u kimiċi tiegħu, il-prodott iffabbrikat fil-Brażil jista' jiġi kkunsidrat identiku għall-prodott esportat mill-pajjiżi interessati.

(18) Fuq dan il-bażi, kien konkluż illi l-Brażil kien għażla raġjonevoli u approprjata bħala pajjiż analogu sabiex jiġi stabbilit il-valur normali għall-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon li joriġinaw fiċ-Ċina, fir-Russja u fl-Ukrajna.

(ċ) **Il-valur normali**

(19) Il-valur normali kien ikkalkolat fuq il-bażi ta' l-informazzjoni tal-kumpannija Brażiljana li kkoperat.

(20) Qabel xejn, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku magħmul mill-kumpannija Brażiljana li kkoperat kienx rappreżentattiv meta pparagunat ma' l-importazzjonijiet fil-Komunità mit-tliet pajjiżi interessati. Dan kien misjub il-każ għal kull wieħed mill-gradi tal-karbur tas-silikon, jiġifieri kristallin u metallurġiku, esportat mill-pajjiżi bla ħsara għall-investigazzjoni għall-Komunità.

(21) Imbagħad ġie eżaminat jekk il-bejgħ rilevanti setax jiġi kkunsidrat li kien sar fil-kors ordinarju tal-kummerċ, meta jitqabblu l-prezzijiet domestiċi u l-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull wieħed mill-gradi tal-karbur tas-silikon.

(22) Għall-karbur tas-silikon kristallin, il-bejgħ sar fil-kors normali tal-kummerċ u l-valur normali kien għalhekk imsejjes fuq il-prezz attwali fis-suq Brażiljan.

(23) Billi l-bejgħ tal-karbur tas-silikon metallurġiku fis-suq domestiku Brażiljan sar bil-prezz nett tal-bejgħ li kien orħos mill-ispiża tal-produzzjoni, dawn il-prezzijiet attwali ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur nomali. B'konsegwenza ta' dan, kien meħtieġ li jiġi kkalkolat valur normali mibni għall-grad fil-kwistjoni, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku. Il-kalkolu ntgħamel fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-fabbrikazzjoni miġbura mill-produttur esportatur Brażiljan flimkien ma' ammont raġjonevoli għall-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (*SGA*) u għall-qligħ. Għal dan il-fini, il-Kummissjoni wżat l-ispejjeż attwali tas-*SGA* miġrura u l-marġini domestiku tal-qligħ irrealizzat fuq il-bażi ta' dan il-bejgħ tal-karbur tas-silikon kristallin li kien magħmul fil-kors ordinarju tal-kummerċ.

(d) **Il-prezz ta' l-esportazzjoni**

(24) Fil-każijiet kollha fejn l-esportazzjonijiet tal-karbur tas-silikon kienu magħmula lejn klijenti indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament Bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet attwalment imħallsa jew li riedu jitħallsu.

(25) Għall-għanijiet sabiex jiġi stabbilit il-prezz ta' l-esportazzjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx f'konsiderazzjoni l-bejgħ maħmul mill-produttur esportatur Russu lejn l-importatur irrelatat fil-Komunità minħabba koperazzjoni insuffiċjenti rigward aspetti tad-*dumping*. B'konsegwenza ta' dan, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien sabbilit skond l-Artikolu 18(1) fuq il-bażi tal-bqija tal-bejgħ.

(26) Ġaladarba ma ġiet irċevuta l-ebda koperazzjoni minn l-ebda produttur Ċiniż, il-prezz ta' l-esportazzjoni kellu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Bażiku. Il-Kummissjoni sabet illi ċ-ċifri ta' l-*Eurostat* kienu l-aħjar tagħrif disponibbli u l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet kienu stabbiliti fuq dan il-bażi.

(e) **Il-paragun**

(27) Bil-għan li jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saru konċessjoniet misthoqqa fil-għamla ta' aġġustamenti rigward id-differenzi li jaffettwaw il-paragunabbiltà tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament Bażiku. Fuq dan il-bażi, sar aġġustament għall-valur normali rigward l-ispejjeż tal-pakkeġġjar filwaqt li l-prezz ta' l-esportazzjoni kien aġġustat għall-ispejjeż tal-ġarr tat-tagħbija, l-iskonti, il-pakkeġġjar u l-kummissjoni.

(f) **Il-marġini tad-*dumping***

(28) Ġie stabbilit marġini tad-*dumping* għar-Russja u l-Ukrajna rispettivament, billi ġie mqabbel il-valur normali medju ppeżat mal-prezz medju ppeżat ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità.

(29) Il-paragun wera l-eżistenza ta' marġini sinifikanti ta' *dumping* rigward l-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi. Dawn il-marġini kienu saħansitra ogħla minn dawk stabbiliti fl-investigazzjoni ta' qabel.

(30) Għaċ-Ċina, paragun bejn il-valur normali medju Brażiljan għall-karbur tas-silikon għal kull tunnellata metrika u l-prezz medju ta' l-esportazzjonijiet għal kull tunnellata metrika msejsa fuq l-informazzjoni ta' l-*Eurostat* għall-karbur tas-silikon li joriġina fiċ-Ċina, wera marġini sinifikanti ta' *dumping*.

(g) **Il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni u/jew ir-rikorrenza tad-*dumping***

(31) Kif deskritt fil-qosor hawn fuq, l-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità mill-pajjiżi interessati kienu għadhom jiġu mixtrija taħt il-prezz f'livelli sinifikanti, li jimplika probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-*dumping*, b'mod partikolari għar-Russja. Madankollu, safejn u sakemm jirrigwarda lill-Ukrajna u liċ-Ċina, il-volumi ta' l-importazzjonijiet matul il-*IP* kienu komparattivament baxxi (taħt il-1 % tal-konsum Komunitarju). Għalhekk ġie eżaminat iktar jekk kienx hemm il-probabbiltà ta' rikorrenzi tad-*dumping* permezz ta' importazzjonijiet miżjuda.

(i) *Iċ-Ċina*

(32) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni sejset l-analiżi tagħha fuq it-tagħrif ipprovvdut fil-talba għar-rivista kif ukoll fuq it-tagħrif miksub minn studji speċjalizzati fl-istampa u tas-suq issottomessi mill-partijiet interessati fil-kors ta' l-investigazzjoni.

(33) Skond is-sorsi msemmija hawn fuq, iċ-Ċina għandha kapaċità kbira għall-produzzjoni tal-karbur tas-silikon li rrappreżenta madwar 40 % tal-kapaċità tal-produzzjoni fid-dinja kollha fil-*IP*. L-istess sorsi jirrataw il-produzzjoni attwali taċ-Ċina għal madwar 70 % tal-potenza tagħha.

(34) Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-produtturi Ċiniżi għandhom il-ħila li jipproduċu kwantitajiet addizzjonali, li jkunu jirrappreżentaw nadwar 70 % tal-konsum Komunitarju matul il-*IP*.

(35) Bħalissa, l-esportazzjnijiet Ċiniżi tal-kabur tas-silikon diġà jiddominaw is-swieq Amerikani u Ġappuniżi bil-qawwi u mhux probabbli li l-konsum domestiku tagħhom jiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. Għalhekk, dawn is-swieq ma jistgħu jassorbu l-ebda kwantitajiet addizzjonali.

(36) Rigward l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi, il-Kumissjoni analizzat is-sitwazzjoni fis-suq Amerikan li, f'termini ta' volum, huwa l-iktar suq importanti għall-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-karbur tas-silikon.

(37) Fejn jirigwarda l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, l-investigazzjoni stabbiliet illi l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika huma fil-biċċa l-kbira tal-grad metallurġiku, jiġifieri l-grad iktar baxx. Kien misjub ukoll illi l-prezz tal-materjal Ċiniż mibjugħ fis-suq Amerikan kien sostanzjalment orħos mill-valur normali stabbilit fil-Brażil u orħos ukoll mil-prezz tal-grad metallurġiku tal-karbur tas-silikon mibjugħ mill-produtturi Komunitarji fis-suq Komunitarju. Kien ukoll orħos mill-prezzijiet bil-prezz, l-asigurazzjoni u t-trasport (*c.i.f*) offrutri għall-importazzjonijiet Ċiniżi ġewwa l-Komunità. B'ħekk, l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti setgħu jinxtraw taħt il-prezz f'livell ikbar mill-importazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Komunità. F'dan ir-rigward, għandu fl-aħħarnett jiġi nnotat illi parti konsiderevoli mill-konsum Komunitarju tikkonsisti wkoll tal-grad metallurġiku.

(38) Il-fatturi ċavetta misjuba huma għalhekk il-kapaċità kbira u mhux użata tal-produzzjoni, il-volumi sostanzjali ta' l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-livell baxx tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lill-Istati Uniti ta' l-Amerika (saħansitra orħos mill-prezzijiet Ċiniżi ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità). Fuq dan il-bażi, huwa iktar probabbli li jerġgħu jiġru esportazzjonijiet fi kwantitajiet sinifikanti (bl-użu tal-kapaċitajiet mhux użati tal-produzzjoni u/jew billi l-esportazzjonijiet iddestinati lejn l-Istati Uniti jiġu diretti lejn postijiet oħra) jekk jitħassru l-miżuri. Il-prezzijiet korrenti Ċiniżi imposti fl-Istati Uniti ta' l-Amerika jistgħu jservu bħala indikazzjoni tal-livell tal-prezzijiet ta' kull esportazzjoni ġejjiena fil-Komunità. B'konsegwenza ta' dan, teżisti l-pobabbiltà tarrikorrenza ta' *dumping* għoli għal kwantitajiet sinifikanti.

(ii) *L-Ukrajna*

(39) Il-produttur esportatur magħruf mill-Ukrajna kkopera fl-investigazzjoni u pprovda tagħrif li l-Komunità wżat fl-investigazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni sejset l-analiżi tagħha wkoll fuq it-tagħrif ipprovvdut fit-talba għar-rivista kif ukoll fuq it-tagħrif miksub mill-istudji speċjalizzati ta' l-istampa u s-suq.

(40) L-investigazzjoni stabbiliet illi l-utilizzazzjoni tal-kapaċità ta' dan il-produttur esportatur kienet inqas minn 69 % matul il-*IP*. F'termini ta' kwntitajiet, u mogħti l-konsum totali Komunitarju, ikun f'posizzjoni li jipproduċi volumi addizzjonali li jirrappreżentaw madwar 6 % tal-konsum Komunitarju matul il-*IP*.

(41) L-investigazzjoni stabbiliet illi l-ikbar suq ta' l-esportazzjonijiet għall-Ukrajna hija r-Repubblika Ċeka. L-esportazzjoniet tal-*IP* lejn ir-Repubblika Ċeka ammontaw għal kwantità li tikkorispondi għal minn 2 % sa 5 % tal-konsum Komunitarju. Ġaladarba parti biss minn dawn l-esportazzjoniet kienet mibjugħa direttament mill-produttur esportatur li kkopera, kienu wżati l-istatistiċi uffiċjali tal-kummerċ ta' dawn il-pajjiżi sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet medji ta' l-esportazzjonijiet Ukrajni. Dawn instabu li kienu sinifikament orħos mill-prezzijiet tal-karbur tas-silikon prodott u mibjugħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju u orħos ukoll mill-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet Ukrajni mitluba fil-Komunità.

(42) L-esportazzjonijiet Ukrajni lejn ir-Repubblika Ċeka jagħtu indikazzjoni ċara ta' l-imġieba potenzali tagħhom fis-suq Komunitarju, kemm f'termini ta' volum u kemm ta' valur, jekk jitħassru l-miżuri.

(43) Mogħtija l-attraenza tas-suq Komunitarju f'termini ta' prezzijiet meta pparagunati ma' swieq oħra, qiegħed jiġi konkluż illi l-volumi korrenti ta' l-importazzjonijiet fis-suq Komunitarju mill-Ukrajna x'aktarx li jiżdiedu b'mod sostanzjali jekk jitħassru l-miżuri. Ma teżisti l-ebda indikazzjoni illi l-prezzijiet ġejjiena ta' l-esportazzjoni jkunu ogħla mill-prezzijiet korrenti għall-Komunità ta' l-esportazzjonijiet Ukrajni mixtrija taħt il-prezz. Irid għalhekk jiġi konkluż illi teżista l-probabbiltà tarrikorrenza tad-*dumping* f'volumi sinifikanti għall-Ukrajna.

(h) **Il-konklużjoni**

(44) Minħabba dan ta' hawn fuq, ġie stabbilit illi teżisti l-probabbiltà tad- *dumping* rigward ir-Russja u, safejn u sakemm jirrigwarda l-Ukrajna u ċ-Ċina, teżisti l-probabbiltà tar-rikorrenza tad-*dumping*, jekk jitħassru l-miżuri.

E. ID-DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

(45) L-investigazzjoni kkonfermat illi matul il-*IP*, iż-żewġ produtturi applikanti rrappreżentaw it-totalità tal-produzzjoni Komunitarja tal-karbur tas-silikon. Għalhekk, jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament Bażiku.

(46) Għandu jiġi nnotat illi tnejn mill-erba' produtturi Komunitarji li rrappreżentaw l-industrija Komunitarja fl-investigazzjoni ta' qabel temmew l-attivitajiet tagħhom relatati mal-karbur tas-silikon ftit xhur wara l-imposizzjoni tal-miżuri bħalissa fis-seħħ. Dawn iż-żewġ produtturi kienu l-*Pechiney Electrometallurgie* ta' Franza u s-*Samatec* ta' l-Italja.

F. L-ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI FIS-SUQ KOMUNITARJU

1. IL-KONSUM FIL-KOMUNITÀ

(47) Il-konsum Komunitarju apparenti tal-karbur tas-silikon kien stabbilit fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju, kif ukoll l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-karbur tas-silikon mill-pajjiżi interessati u l-pajjiżi terzi kollha.

(48) Fuq dan il-bażi, il-konsum żdied bi 8 % matul il-*IIP*. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat illi s-suq tas-karbur tas-silikon b'mod ġenerali kien stabbli matul il-perjodu taż-żmien investigat. Is-sena 1998 (il-*IP*) biss uriet żieda fil-konsum li jista' jitfisser bl-attività miżjuda ta' l-industrija ta' l-azzar u għandha għalhekk tiġi kkunsidrata eċċezzjonali. Il-karattru eċċezzjonali tal-konsum fis-sena 1998 huwa kkonfermat miċ-ċifri disponibbli għall-ewwel sitt xhur tas-sena 1999 li jipparagunaw mal-livelli milħuqa fis-snin 1996 u 1997.

2. L-IMPORTAZZJONIJIET MINN PAJJIŻI TERZI

(a) **Il-volum ta' l-importazzjoniiet u s-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet interessati**

(49) Il-volum ta' l-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon li joriġina fil-pajjiżi interessati niżel b'mod sinifikanti minn 37 886 tunnellati metriċi fis-sena 1995 għal 15 492 tunnellati metriċi fil-*IP*, ekwivalenti għal nuqqas ta' madwar 59 % matul il-*IIP*. Dan in-nuqqas huwa mmarkat b'mod speċjali għaċ-Ċina u l-Ukrajna. B'paragun ma' dan, in-nuqqas relattivament żgħir tal-volum ta' l-importazzjonijiet mir-Russja (-7 %) jista' jiġi spjegat mill-aċċettazzjoni ta' impenn mill-esportatur Russu *Stankoimport* li llimita l-importazzjonijiet Russi għal livell mhux ta' ħsara, bl-importazzjonijiet l-oħra kollha li oriġinaw mir-Russja jkunu bla ħsara għad-dazji tax-xiri taħt il-prezz.

(50) Is-sehem ġenerali tas-suq fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi interessati fil-Komunità naqas b'39 % bejn is-sena 1995 u l-*IP*. Is-sehem taċ-Ċina u ta' l-Ukrajna naqas taħt il-1 % filwaqt li l-ishma fis-suq ta' l-importazzjonijiet mir-Russja baqgħu relattivament stabbli bejn minn 5 % sa 10 %.

(b) **L-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet interessati u l-imġieba tal-prezzijiet irrelatati**

(i) *L-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet interessati*

(51) Fuq il-bażi taċ-ċifri ta' l-*Eurostat*, ġiet stabbilita evoluzzjoni tal-prezzijiet għall-*IIP*. Din l-analiżi kienet madankollu mfixkla mill-fatt illi l-kodiċi rilevanti tan-NM ma jiddistingwix bejn il-gradi differenti tal-karbur tas-silikon. Fuq il-bażi tat-tagħrif miġbur fil-kors ta' l-investigazzjoni, ġie stabbilit illi l-importazzjonijiet li joriġinaw fiċ-Ċina jikkonsistu l-iktar tal-gradi metallurġiċi (jiġifieri iktar baxxi) filwaqt li l-importazzjonijiet li joriġinaw fiż-żewġ pajjiżi l-oħra interessati jkopru kemm il-livell metallurġiku u kemm il-livell kristallin.

(52) Fuq dan il-bażi ċ-ċifri ta' l-*Eurostat* urew illi l-prezzijiet Russi żdiedu bi 11 % bejn is-sena 1995 u l-*IP*, filwaqt li l-prezzijiet medji fuq l-esportazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Ukrajna naqsu bi 28 % u 8 % rispettivament.

(ii) *L-imġieba tal-prezzijiet*

(53) Sabiex tiġi eżaminata l-imġieba tal-prezzijiet ta' l-esportaturi f'relazzjoni ma' dik ta' l-industrija Komunitarja, sar paragun tal-prezzijiet u ġie stabbilit illi, matul il-*IP*, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet interessati (fil-livell tad-dazju mħallas tad-dwana u kontra d-*dumping*) kienu b'mod sinifikanti ta' medja taħt il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija. B'mod iktar speċifikat, instab illi l-importazzjonijiet Russi magħmula fil-qafas ta' l-impenn (jiġifieri l-eżenzjoni mid-dazji ta' kontra d-*dumping*) saru bi prezzijiet taħt dawk ta' l-industrija Komunitarja b'mod konsiderevoli. Dan il-bejgħ kollu kien tal-gradi kristallini. Madankollu, il-prezz ta' l-importazzjoni addizzjonali tal-prodott taħt konsiderazzjoni li joriġina fir-Russja, fil-biċċa l-kbira tal-grad metallurġiku, instab ogħla mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, saħansitra meta jiġi skontat id-dazju ta' kontra d-*dumping*.

3. IS-SITWAZZJONI EKONOMIKA TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

(a) **Il-produzzjoni**

(54) Il-produzzjoni tal-karbur tas-silikon mill-industrija Komunitarja żdiedet bi 13,4 % bejn is-sena 1995 u l-*IP*. L-ikbar żieda saret fis-sena 1996, wara l-imposizzjoni tal-miżuri bħalissa fis-seħħ. Wara dan, il-produzzjoni ssoktat relattivament stabbli. Madankollu, għandu jiġi nnotat illi l-evoluzzjoni tal-produzzjoni matul is-sena 1996 ma qablitx ma evoluzzjoni simili tal-volum tal-bejgħ.

(b) **Il-kapaċità tal-produzzjoni**

(55) Il-kapaċità tal-produzzjoni ssoktat stabbli matul il-*IIP*. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat illi l-kapaċità tal-produzzjoni taħt konsiderazzjoni hija ddedikata b'mod esklussiv għall-produzzjoni tal-karbur tas-silikon.

(ċ) **Il-kapaċita ta' l-utilizzazzjoni**

(56) Il-kapaċità ta' l-utilizzazzjoni żdiedet bi 13,4 % matul il-*IIP*, li tikkorrispondi għal żieda fil-produzzjoni.

(d) **Il-volum tal-bejgħ**

(57) Il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied b'14,5 % matul l-*IIP*. Din iż-żieda kienet l-iktar qawwija bejn is-sena 1997 u l-*IP*, meta żdied il-konsum Komunitarju. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat illi l-espansjoni tal-volum tal-bejgħ interessat fil-biċċa l-kbira l-gradi baxxi.

(e) **Is-sehem mis-suq**

(58) Is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied kemmxejn b'madwar żewġ punti perċentwali matul il-*IIP*, meta laħaq livel ta' madwar 30 % tas-suq totali Komunitarju.

(f) **L-iżvilupp tal-prezzijiet**

(59) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja, filwaqt li wera żieda ċara wara l-imposizzjoni tal-miżuri bħalissa fis-seħħ fis-snin 1995 u 1996, imbagħad reġa' naqas lejn il-*IP*, li wassal għal nuqqas ġenerali ta' 7 %.

(60) Dan l-iżvilupp jista' jidher fid-dawl ta' bidla fit-taħlita tal-prodott tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja. L-investigazzjoni stabbiliet illi l-produtturi Komunitarji żiedu l-proporzjon tal-bejgħ tal-gradi iktar baxxi li rriżulta fi tnaqqis tal-prezz medju tal-bejgħ. Meta ma jingħatax każ ta' l-effett ta' din it-taħlita tal-prodott, il-prezzijiet attwalment żdiedu matul is-sena 1996 imma wara naqsu għall-grad iktar baxx, filwaqt li baqgħu stabbli għall-grad iktar għoli. Ix-xejra tal-prezzijiet matul il-*IIP* kollu kienet stabbli kif jixraq b'quċċata matul is-sena 1996.

(61) Għandu jiġi nnotat ukoll illi filwaqt li l-prezz medju ta' l-industrija Komunitarja kien ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet interessati, il-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja inkluda wkoll il-ġradi speċifikati bil-qawwi li huma ogħla b'mod sinifikanti mill-medju, biex b'hekk xorta waħda kellu impatt qawwi fuq il-prezz medju tal-bejgħ.

(g) **L-impjiegi**

(62) L-impjiegi naqsu b'9 % matul il-*IIP*.

(h) **L-investiment**

(63) L-investiment kien għoli b'mod speċjali matul is-snin 1995 u 1996, li fihom l-industrija Komunitarja kellha tibdel il-proċessi tagħha tal-produzzjoni sabiex tikkonforma mal-ħtiġiet tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-ambjent. Matul is-sena 1997 u l-*IP*, l-investiment kien imbagħad prinċipalment irrelatat mat-titjib u t-tiġdid tat-tagħmir eżistenti. Huwa għalhekk konkluż li l-industrija Komunitarja ssoktat tinvesti sabiex ittejjeb iktar il-proċessi tagħha tal-produzzjoni.

(i) **Il-profitabbiltà**

(64) Il-profitabbiltà ta' l-industrija Komunitarja, espressa bħala perċentwal tal-bejgħ nett, filwaqt li żdiedet bejn is-snin 1995 u 1996, niżlet wara dan għal kemmxejn taħt il-punt tal-qsim indaqs bejn l-ispejjeż u l-profitt matul il-*IP*. Din ix-xejra tista' tintrabat ma' l-evoluzzjoni tal-prezzijiet.

4. IL-VOLUM TA' L-IMPORTAZZJONIJIET, L-ISHMA TAS-SUQ U L-PREZZIJIET TA' L-IMPORTAZZJONIJIET MINN PAJJIŻI TERZI.

(a) **Il-volum ta' l-importazzjonijiet u l-ishma tas-suq**

(65) Il-volum ta' l-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon mill-pajjiżi terzi żdied matul il-*IIP* b'madwar 30 000 tunnellata metrika, li jirrappreżenta żieda ta' 27 %. F'termini ta' ishma mis-suq, dawn il-pajjiżi terzi ggwadanjaw madwar disa' punti perċentwali.

(66) Għandu jiġi nnotat illi 80 % ta' dawn l-importazzjonijiet oriġinaw minn tliet pajjiżi biss, jiġifieri n-Norveġja, il-Venezuela u r-Repubblika Ċeka. F'termini ta' kwantitajiet, in-Norveġja hija l-iktar sinifikanti, imma l-volum ta' l-importazzjonijiet kif ukoll is-sehem tagħha mis-suq issokta stabbli matul il-*IIP*. Madankollu, l-importazzjonijiet Veneżwelani żdiedu b'163 % matul il-*IIP*, iktar milli rduplikaw is-sehem tagħhom mis-suq li laħaq għal madwar il-10 % matul il-*IP*. Safejn u sakemm jirrigwarda l-importazzjonijiet Ċeki u s-sehem mis-suq, dawn żdiedu għal ħames darbiet matul l-istess perjodu taż-żmien meta laħaq livell ta' madwar 6 % matul il-*IP*. L-ishma mis-suq ta' dawn it-tliet pajjiżi żdiedu b'35 % u telgħu u niżlu bejn minn 30 % sa 50 % tas-suq Komunitarju.

(b) **Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(67) L-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet tat-tliet pajjiżi esportaturi l-iktar sinifikanti hija kif ġej. Il-prezzijiet Norveġiżi dejjem baqgħu stabbli f'livell għoli matul il-*IIP* li huwa konsistentri mal-fatt illi l-esportazzjonijiet tagħhom huma l-iktar tal-gradi għolja. Il-prezzijiet tal-prodott taħt konsiderazzjoni li joriġina fir-Repubblika Ċeka naqsu b'mod sinifikanti matul il-IIP (-35 %) filwaqt li t-tnaqqis tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ammontaw għal 9 %, bil-prezzijiet minn dawn il-pajjiżi ta' l-aħħar ikunu f'livell baxx ħafna meta ppragunati mal-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja.

5. IL-KONKLUŻJONI DWAR IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ KOMUNITARJU

(68) Sa min-sena 1995, il-miżuri bħalissa fis-seħħ kellhom impatt pożittiv sinifikanti fuq l-industrija Komunitarja. Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tal-fatturi ekonomiċi analizzati wrew żvilupp pożittiv mis-sena 1995 sal-*IP*: il-volum tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni żdiedu bi 13 %, il-volum tal-bejgħ żdied bi 15 %, u kien hemm gwadann ħafif fis-sehem mis-suq. Madankollu, ix-xejra pożitiva kienet dilwita b'mod partikolari bil-prezzijiet baxxi tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja. Dan jispjega għaliex il-profittabbiltà ta' l-industrija Komunitarja ma ttejbitx f'linja max-xejriet u ssoktat għal-madwar il-punt tal-qsim indaqs.

(69) Rigward il-pajjiżi esportaturi interessati, tnejn minnhom (iċ-Ċina u l-Ukrajna) tilfu volumi sinifikanti tal-bejgħ u s-sehem tagħhom mis-suq huwa issa nominali. L-importazzjonijiet Russi naqsu b'mod inqas drastiku u baqgħu stabbli bis-sehem mis-suq ta' madwar minn 5 % sa 10 %. F'termini ta' prezzijiet, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi interessati intgħamlu bi prezzijiet baxxi meta mqabbla ma' dawk ta' l-industrija Komunitarja.

(70) Matul dan il-perjodu taż-żmien, żdiedu l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra. Dan jirrigwarda b'mod speċjali l-importazzjonijiet mill-Veneżwela u mir-Repubbli Ċeka li matul l-aħħar sentejn tal-*IIP* żiedu b'mod sinifikanti l-ishma tagħhom mis-suq, u dan sar bi prezzijiet baxxi u jonqsu tal-bejgħ.

(71) B'ħekk jista' jiġi konkluż illi l-industrija Komunitarja ma setgħetx tirkupra mill-effetti tad-*dumping* ta' ħsara għar-raġunijiet spjegati hawn fuq u għalhekk għadha f'sitwazzjoni fraġili.

G. IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI U/JEW IR-RIKORRENZA TAD-*DUMPING* TA' ĦSARA

1. IS-SITWAZZJONI FIL-PAJJIŻI INTERESSATI

(72) Sabiex jiġi smat l-effett probabbli tat-temma tal-miżuri fis-seħħ, u filwaqt li jitqies il-fatt li l-industrija Komunitarja għadha f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-profitabbiltà tagħha, ġew ikkunsidrati l-elementi li ġejjin.

(a) **Iċ-Ċina**

(73) Skond is-sejbiet spjegati fil-premessi minn 30 sa 36, il-kapaċità kbira u mhux użata tal-produzzjoni tippermetti lill-esportaturi potenzali Ċiniżi li jgħollu fil-ġejjieni l-produzzjoni u l-volumi tagħhom ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Iktar minn hekk, wara li jiġu kkunsidrati dawn is-sejbiet rigwrd l-imġieba ta' l-esportazzjonijiet fis-swieq tal-pajjiżi terzi, jiġifieri l-Istati Uniti ta' l-Amerika, kemm f'termini ta' volum u kemm f'termini ta' prezzijiet, jidher illi s-suq Komunitarju sejjer ikun attrattiv ħafna għall-esportaturi Ċiniżi jekk jiskadu l-miżuri.

(74) Kien ikkunsidat ukoll jekk il-fatt illi, mill-bidu tas-sena 1999, l-esportazzjonijiet tal-karbur tas-silikon miċ-Ċina kienu bla ħsara għas-sistema ta' liċenza lokali mħaddma għal ċerti minerali u snajja rari, setgħux ikollhom effetti pożittivi fuq il-għoti tal-prezzijiet futuri ta' l-esportaturi Ċiniżi. F'dan ir-rigward, huwa kkunsidrat illi s-sistema deskritta hawn fuq hija mmexxija b'mod awtonomu mill-gvern tal-pajjiż esportatur u li l-eżistenza tagħha ma jistax jkollha l-ebda influwenza fuq id-deċiżjoni ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji dwar jekk jirrikorrix jew le d-*dumping* ta' ħsara.

(b) **Ir-Russja u l-Ukrajna**

(75) Skond is-sejbiet spjegati fil-premessi minn 37 sa 42, il-kapaċità mhux użata tal-produzzjoni taż-żewġ pajjiżi tippermetti potenzal għall-esportaturi Russi u Ukrajni li jgħollu fil-ġejjieni l-produzzjoni u l-volumi tagħhom ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Iktar minn hekk, wara li tiġi kkunsidrata l-imġieba ta' l-esportazzjonijiet fis-swieq tal-pajjiżi terzi, fil-biċċa l-kbira r-Repubblika Ċeka, kemm f'termini ta' volum u kemm f'termini ta' prezzijiet, jidher illi s-suq Komunitarju sejjer ikun attrattiv ħafna għal dawn l-esportaturi wkoll jekk jiskadu l-miżuri.

(76) Minn mindu ġew imposti l-miżuri, l-importazzjonijiet fir-Repubblika Ċeka li joriġinaw fir-Russja u fl-Ukrajna mmoltiplikaw b'6,5 f'termini tal-volum u laħqu livell li jikkorrispondi għal 6 % tal-konsum Komunitarju.

(77) Jekk il-miżuri jitħassru, l-esportaturi Russi u Ukrajni jkunu jistgħu jagħtu direzzjoni ġdida lil uħud mill-esportazzjonijiet sinifikanti tagħhom lejn il-Komunità u jqiegħdu fis-suq iż-żejjed tal-produzzjoni tagħhom, u dan isir bi prezzijiet li jbaxxu l-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, kif indikat mill-imġieba tal-prezzijiet tagħhom fis-swieq tal-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat illi l-karbur tas-silikon Russu ta' l-aħjar kwalità (tal-grad kristallin), importat ġewwa l-Komunità ħieles mid-dazji ta' kontra d-*dumping* ġewwa l-qafas ta' l-impenn, bħalissa jinbigħ bi prezz oħos b'mod sinifikanti mill-prezz tal-gradi korrispondeni ta' l-industrija Komunitarja.

2. IL-KONKLUŻJONI DWAR IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI U/JEW IR-RIKORRENZA TAD-*DUMPING* TA' ĦSARA

(78) Minħabba dan ta' hawn fuq, jiġifieri l-fatturi li ġejjin:

— jekk il-miżuri jitħassru, teżisti l-probabbiltà illi l-importazzjonijiet mit-tliet pajjiżi interessti tissokta mixtrija taħt il-prezz minħabba li kien hemm kontinwazzjoni tad-*dumping* u ma tidher apparenti l-ebda raġuni rigward għaliex id-*dumping* għandu jieqaf fil-futur qarib,

— teżisti l-probabbiltà illi l-volumi ta' l-importazzjonijiet jogħlew b'mod sinifikanti għaliex jeżistu indikazzjonijiet ċari illi t-tliet pajjiżi interessati għandhom il-potenzal li jgħollu l-volumi tal-produzzjoni u ta' l-esportazzjonijiet tagħhom minħabba l-kapaċità kbira mhux użata tal-produzzjoni tagħhom u l-esportazzjonijiet sinifikanti lejn is-swieq tal-pajjiżi terzi,

— iktar minn hekk, il-probabbiltà illi l-volumi ta' l-importazzjonijiet jiżdiedu b'mod sinifikanti hija infurzata bl-imġieba ta' l-esportazzjonijiet tagħhom fis-swieq ta' dawn il-pajjiżi terzi wara l-imposizzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* fis-seħħ,

— iktar minn hekk, huwa x'aktarx ukoll illi l-prezzijiet imposti mill-esportaturi mill-pajjiżi interessati, fin-nuqqas tal-miżuri ta' kontra d-*dumping*, ikunu sinifikament orħos mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja meta jiġu kkunsidrati, minn banda waħda, l-imġieba tal-prezzijiet ta' dawn l-esportaturi fis-swieq maġġuri tagħhom ta' l-esportazzjonijiet u, mill-banda l-oħra, il-prezzijiet baxxi (saħansitra bid-dazji inklużi) li bħalissa huma japplikaw għas-suq Komunitarju. B' żieda ma' dan, billi s-suq Komunitarju huwa stabbli f'termini tad-domanda, żieda fil-prezz tal-karbur tas-silikon fis-suq żgur li jkollha l-effett li tbaxxi l-prezzijiet.

— għalkemm is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja ttejbet b'mod immarkat wara l-imposizzjoni tal-miżuri taħt konsiderazzjoni, ma setgħetx iżżomm il-profittabiltà tagħha u hija għalhekk f'sitwazzjoni delikata,

huwa konkluż illi, jekk jitħassru l-miżuri, teżisti l-probabbiltà tar-rikorrenza tad-*dumping* ta' ħsara.

H. **L-INTERESS KOMUNITARJU**

1. RIMARKI PRELIMINARJI

(79) Sabiex jiġi stmat l-impatt probabbli tal-kontinwazzjoni jew tat-tħassir tal-miżuri, il-Kummissjoni talbet tagħrif minn għand il-partijiet kollha interessati msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni tagħtet kwestjonarji lil 40 importatur (inklużi żewġ negozjanti interessati) u lil 22 utent tal-prodott taħt konsiderazzjoni. Sitt importaturi wieġbu l-kwestjonarju, filwaqt li erba' oħra pprovvdew tagħrif lill-Kummissjoni. Rigward l-utenti, sitta minnhom wieġbu l-kwestjonarju u l-informazzjoni ġiet ivverifikata.

(80) Għandu jiġi mfakkar illi, fl-investigazzjoni preċedenti, l-adozzjoni tal-miżuri kienet ikkunsidrata li ma tmurx kontra l-interess Komunitarju. Iktar minn hekk, għandu jiġi nnotat illi l-investigazzjoni preżenti hija rivista tas-sitwazzjoni, li fiha l-miżuri kontra d-*dumping* kienu diġà jinsabu fis-seħħ. B'konsegwenza ta' dan, l-investigazzjoni preżenti ma għandha tippermetti l-ebda impatt negattiv mhux mistħoqq fuq il-partijiet interessati bil-miżuri korrenti ta' kontra d-*dumping* li jridu jiġu identifikati.

(81) Fuq dan il-bażi kien eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar id-*dumping*, jekk jeżistux raġunijiet kostringenti fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja u fuq ir-rikorrenza ta' *dumping* ta' ħsara li jwasslu għall-konklużjoni li mhux fl-interess Komunitarju li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. L-INTERESSI TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

(82) Huwa kkunsidrat illi t-tħassir tal-miżuri ta' kontra kontra d-*dumping* imposti fl-investigazzjoni ta' qabel x'aktarx li jirriżultaw fir-rikorrenza tad-*dumping* ta' ħsara u li b'konsegwenza ta' dan, tiddeterjora s-sitwazzjoni fl-industrija Komunitarja, li ttejbet imma għadha fraġili.

(83) L-industrija Komunitarja żviluppat il-produzzjoni tal-karbur tas-silikon ta' grad għoli ħafna. Flimkien ma' produttur mhux ibbażat fil-Komunità, hija l-unika waħda kapaċi tipproduċi u tforni lis-suq Komunitarju b'dawn il-prodotti ta' kwalità għolja. Jintuza għal applikazzjonijiet speċifiċi ħafna u żviluppati dan l-aħħar fil-kamp tas-settur ta' l-elettronika u taċ-ċeramika avvanzata. Dawn iż-żewġ segmenti tas-suq huma l-ikbar firxa tat-tkabbir li minnhom l-industrija Komunitarja żgur li tissokta tibbenefika fis-snin li ġejjin. Imma saħansitra jekk jirrappreżentaw swieq ta' valur miżjud għoli, għadhom jirrappreżentaw volum baxx ta' bejgħ, li mhux biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż tal-produzzjoni, meta jiġi mfakkar illi kemm il-karbur tas-silikon ta' grad għoli u kemm dak ta' grad baxx jirriżultaw minn proċess wieħed tal-produzzjoni. Huwa għalhekk importanti li jiġi żgurat illi prattiċi inġusti ma jimpedux lis-segment ta' volum għoli tas-suq għall-gradi iktar baxxi li jridu jinbigħu wkoll bi prezz raġjonevoli sabiex isostnu l-vijabbiltà ta' l-industrija Komunitarja.

(84) Tassew, dawk kollha li jieħdu sehem fis-settur jidhru li jaqblu dwar il-fatt illi kieku l-miżuri kellhom jitħassru, il-kompetizzjoni tkun ħarxa b'mod partikolari fil-livell tal-grad baxx. Għalhekk, jista' jiġi mistenni illi l-industrija Komunitarja titlef volum u ishma sinifikanti mis-suq ta' dan is-segment, bil-konsegwenza illi s-sitwazzjoni tagħha tkun ipperikolata serjament.

(85) Mogħti dan ta' hawn fuq, jidher iġġustifikat li jittawlu l-miżuri eżistenti għalbiex iżommu 'l bogħod l-effetti negattivi ta' l-importazzjonijiet mixtrija taħt il-prezz li jistgħu jipperikolaw l-eżistenza ta' l-industrija Komunitarja. Irid jiġi kkunsidrat ukoll illi jekk l-industrija Komunitarja tisparixxi, ikun hemm ukoll impatt negattiv fuq l-industrija iktar 'l isfel fis-sengħa, ġaladarba dawn ta' l-aħħar isiru dipendenti għal kollox fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

3. L-INTERESSI TA' L-IMPORTATURI

(86) Mill-40 importatur (inklużi żewġ negozjanti assoċjati) li rċevew il-kwestjonarju) wieġbu ħamsa. Erba' minnhom huma biċ-ċar favur il-kontinwazzjoni tal-miżuri, billi jargumentaw illi jekk jitħassru l-miżuri, is-suq jiġi mifqugħ bi prodotti rħas u ta' kwalità baxxa li jikkawżaw taħwid fis-suq. Importatur għażel posizzjoni newtrali.

(87) Minħabba l-livell baxx tal-koperazzjoni u filwaqt li jitqiesu l-kummenti ta' hawn fuq, huwa konkluż illi s-sitwazzjoni ekonomika ta' l-importaturi tal-prodott interessat ma tkunx influwenzata mhux kif mistħoqq u negattivament b'mod ġenerali bil-kontinwazzjoni tal-miżuri.

4. L-INTERESSI TA' L-UTENTI

(88) L-industrija iktar 'l isfel fis-sengħa hija attiva prinċipalment fi tliet segmenti tas-suq: is-segment abrażiv (jiġifieri l-applikazzjonijiet tal-lostru), is-segment refrattorju (jiġifieri l-infurrar fil-fran) u s-segment metallurġiku fejn il-karbur tas-silikon jintuża bħala illig. Dan is-segmen ta' l-aħħar jirrappreżenta l-ikbar wieħed fil-Komunità imma jkopri l-grad l-iktar baxx tal-karbur tas-silikon.

(89) Rigward l-impatt tad-dazji ta' kontra d-*dumping* fuq l-utenti, il-livell baxx ta' koperazzjoni kif ukoll il-kummenti mogħtija mill-kumpanniji li kkoperaw jindikaw illi l-miżuri bħalissa fis-seħħ ma kellhomx impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti tal-karbur tas-silikon. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat illi ħadd mill-utenti ma ppretenda li kien hemm żieda ġenerali fil-prezzijiet u/jew tnaqqis fil-profitabbiltà tagħhom minn mindu ġew imposti l-miżuri ħames snin qabel.

(90) F'iktar dettal, fejn jirrigwarda s-sitt utenti li kkoperaw, wieħed ma ta l-ebda kumment dwar is-sitwazzjoni filwaqt li tlieta stqarrew biċ-ċar li kienu favur il-kontinwazzjoni tal-miżuri. Kienu ta' l-opinjoni illi, fil-każ li jitħassru l-miżuri, l-industrija Komunitarja jkollha twaqqaf il-ħidma tagħha u, b'konsegwenza ta' dan, jitilfu s-sors tal-provvista tal-karbur tas-silikon ta' kwalità għola wżat għall-applikazzjonijiet aħħarija għolja. F'dan ir-rigward, kif diġà ġie spjegat iktar 'il fuq, minbarra l-industrija Komunitarja, produttur wieħed biss ta' pajiż terz huwa fil-posizzjoni li jipproduċi u jbigħ gradi paragunabbli fis-suq Komunitarju. Dan ta' l-aħħar jibqa' eventwalment il-produttur waħdieni li jforni s-suq Komuniarju, bir-riskju ta' posizzjoni monopolistika. B'żieda ma' dan, dan il-produttur ta' l-aħħar jaghmel parti minn grupp internazzjonali li huwa wkoll attiv bil-qawwi fis-swieq 'l isfel fis-sengħa. Jista' għalhekk ikun hemm ir-riskju illi l-kompetizzjoni fis-settur issir iktar u iktar diffiċli għall-utenti "indipendenti".

(91) Żewġ utenti kienu favur li jitħassru l-miżuri. Wieħed, attiv fl-applikazzjonijiet abbrażivi, argumenta illi mingħajr il-miżuri ta' kontra d-*dumping* fis-seħħ, jista' jkun possibbli li jinstabu materji prima orħos sabiex ikun jista' jikkompeti aħjar ma' applikazzjonijiet paragunabbli importati billi juża l-orħos karbur tas-silikon. L-ieħor, attiv fis-suq metallurġiku, stqarr nuqqas tal-materjal fil-Komunità. Ta' hawn fuq għandu jiġi analizzat fid-dawl tal-fatt illi l-karbur tas-silikon jirrappreżenta madwar 20 % ta' l-ispiża tal-produzzjoni fl-applikazzjonijiet abbrażivi bħalissa disponibbli, ħielsa mid-dazju ta' kontra d-*dumping*, minn sorsi differenti numeruži li jkopru parti sinifikanti tal-konsum Komunitarju inklużi l-produtturi Komunitarji, pajjiżi terzi u saħansitra ħielsa parzjalment mid-dazju mir-Russja.

(92) Bil-ħsieb ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż illi l-kontinwazzjoni tal-miżuri ma tmurx b'mod ġenerali kontra l-interessi ta' l-utenti tal-karbur tas-silikon.

5. IL-KONKLUŻJONI DWAR L-INTERESS KOMUNITARJU

(93) Jekk l-industrija Komunitarja titħalla mingħajr ebda protezzjoni, x'aktarx li mhux biss tiddgħajjef il-posizzjoni tagħha, imma tista' saħansitra twassal li tisparixxi, bħalma ġara lit-tnejn mill-produtturi Komunitarji involuti fl-investigazzjoni ta' qabel.

(94) Rigward l-utenti u l-importaturi tal-karbur tas-silikon, jidher illi l-imposizzjoni tal-miżuri ma kellha l-ebda effetti negattivi mhux mistħoqq b'mod ġenerali fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Numru sinifikanti ta' l-utenti u l-importaturi li kkoperaw huma saħansitra favur il-kontinwazzjoni tal-miżuri.

(95) Huwa għalhekk konkluż li ma jeżistu l-ebda raġunijiet kostringenti ta' interess Komunitarju kontra l-kontinwazzjoni tal-miżuri.

I. IL-MIŻURI TA KONTRA D-*DUMPING*

(96) Il-partijiet kollha interessati ġew imgħarrfa bil-fatti u bil-konsiderazzjonijiet essenzali li fuq il-bażi tagħhom hija msejsa ż-żamma tal-miżuri eżistenti. Kienu konċessi perjodu taż-żmien li fih kellhom jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet sossegwenti għall-iżvelar. Ma ġew irċevuti l-ebda kummenti li kienu tan-natura li jinbidlu l-konklużjonijiet ta' hawn fuq.

(97) Għandu jiġi mfakkar illi bid-Deċiżjoni 94/202/KE ġew aċċettati l-impenji offruti mill-Gvern Russu f'għaqda mal-kumpannija *Stankoimport*. Dawn l-impenji għadhom japplikaw.

(98) L-esportatur interessat kif ukoll l-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ġew imgħarrfa illi l-kontinwazzjoni tal-miżuri definittivi kontra d-*dumping* skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku timplika wkoll illi l-kumpannija tissokta marbuta bit-termini ta' l-impenn tagħha. Ma ġew irċevuti l-ebda kummenti f'dan ir-rigward.

(99) Minn dan ta' hawn fuq isegwi illi, kif ipprovvdut bl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku, għandhom jinżammu d-dazji kontra d-*dumping* bħalissa fis-seħħ rigward l-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon li joriġinaw fiċ-Ċina, fir-Russja u fl-Ukjażrajna imposti bir-Regolament (KE) Nru 821/94, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1786/97,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa hawnhekk impost dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-karbur tas-silikon li jidħol fil-kodiċi tan-NM 2849 20 00 u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, fil-Federazzjoni Russa u fl-Ukrajna.

2. L-ammont tad-dazju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera Komunitarja, qabel il-*clearance* tad-dwana, għandu jkun kif ġej:

— għar-Repubblika Popolari taċ-Ċina 52,6 %,

— għall-Federazzjoni Russa: 23,3 % (il-kodiċi addizzjonali tat-TARIC 9747),

— għall-Ukrajna: 24 %.

3. Id-dazju ma għandux japplika għall-importazzjonijiet tal-prodott kif deskritt fil-paragrafu 1, esportat lejn il-Komunità millkumpannija *V/O Stankoimport*, ta' Moska, fir-Russja (kodiċi addizzjonali tat-TARIC 8746).

Artikolu 2

Ħlief meta jkun speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw għad-dazji msemmija d-disposizzjonijiet fis-seħħ li jirrigwardaw id-dazji tad-dwana.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Meju 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GAMA